MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 358/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Jacob Sammut**

**Kumpilazzjoni Nru: 358/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jacob Sammut, ta' 19 sena, iben Generoso u Mary nee' Camilleri, imwieled Pieta, nhar l-14 ta' Awwissu, 1993 u residenti fil-fond numru 56, Triq in-Nirien, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 359993(M).

Akkuzat talli:

a) Talli fit-13 ta' April, 2013 ghal habta ta' 06:00hrs fil-fond numru 56, Triq in-Nirien, Siggiewi b'permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' huh Daniel Sammut bi ksur tal-Artikoli 216(iii)(b), 217 u 218 (a)(b), 218(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta, bi ksur tal-Artikolu 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, zamm jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-ordinanza tal-armi Artikolu 13(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil missieru Generoso u lil huh Daniel biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew il-propjeta ta' dawn l-axxendenti jew dixxendenti ahwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk biza'.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta'liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 214, 215, 216(1)(a)(ii), 216(1)(b), 216(2), 217, 222(1)(a) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; u

- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-13 ta' April 2013 fir-residenza ta'l-imputat.

Illi l-fatti principali jirrizultaw ampjament u m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwarhom. Fil-lejl in kwistjoni l-imputat kien qieghed barra Paceville ma' xi hbieb u ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija rritorna d-dar ma wahda minn hbiebu, certu Angela Scerri; l-idea taghhom kienet li din Scerri torqod ghand l-imputat. Dahlu id-dar, ghamlu xi affarijiet, meta missier l-imputat (Generoso Sammut) induna li ibnu rritorna d-dar u li kien gab habiba mieghu biex torqod ghandhom, haga li hu ma hax gost biha. Qam argument bejn l-imputat u missieru u spiccaw gew f'l-idejn u anke intevjena huh Daniel. Meta sab ruhu f'din is-sitwazzjoni l-imputat qabad sikkina u spicca ntlaqat Daniel biha; intlaqat f'idejh. Xi hadd mill-familjari ta'l-imputat cempel lill-pulizija li waslu fuq il-post ftit wara u kkalmaw is-sitwazzjoni. Daniel Sammut kellu bzonn intervent kirurgiku f' idejh pero ma garrabx debilita permanenti ghalkemm ghandu cikatrici permanenti.

Illi ghandi jigi rilevat li hlif ghal Angela Scerri hadd mill-persuni koncernati ma xehed quddiem din il-Qorti[1] ghalkemm Generoso Sammut kien ta d-depozizzjoni tieghu lill-espert nominat f'l-inkjesta mizmuma dwar il-kaz.

Illi Angela Scerri spjegat li peress li kienu xorbu xi ftit meta kienu qeghdin Paceville ddecidew li jmorru lura ghand l-imputat b'taxi u li hija torqghod hemm. Skond Scerri meta waslu ghand l-imputat, hu mar isaqsi lil ommu jekk tistax torqghod ghandhom; hi ma dahlitx fil-kamra ta' ommu ghalhekk ma tafx x'diskors intqal bejniethom pero meta hareg l-imputat minn hdejn ommu, l-imputat u hi telghu fuq biex jorqdu. Scerri tkompli tispjega li f'daqqa wahda gie missier l-imputat u beda jghajjat u jghidilha biex tmur, qabdu jghajjtu hu u l-imputat li anke spicca ma'l-art u infarag; sadattant gie hu l-imputat ukoll. Ghal mument l-affarijiet ikkalmaw xi ftit tant li l-imputat u Scerri niezlu isfel, pero skond Scerri l-imputat tant kien irrabjat li beda jfajjar u jkisser l-affarijiet; rega' intervjena huh u bdew jaghtu bil-ponn fil-waqt li Scerri bdiet tghidilhom biex jieqfu. Scerri kompliet tispjega li hi ntlaqtet b'xi haga li kien tghajjar l-imputat u bdiet tibza ghalhekk omm l-imputat ghajtitilha biex tmur fil-garaxx fejn baqghu (hi u omm l-imputat) sakemm waslu l-pulizija. Scerri qalet ukoll li hi ma tafx x'gara fil-kcina u b'mod partikolari kif Daniel intlaqghet bis-sikkina ghaliex dak il-hin kienet fil-garaxx.

Illi Generoso Sammut da parti tieghu jispjega li meta nduna li kien hemm l-habiba ta' Jacob id-dar hu qalilhom biex jitilqu 'l barra t-tnejn pero ghal dan id-diskors l-imputat hebb ghalih. Daniel tela minn isfel u s-sitwazzjoni kkalmat xi ftit. Skond Generoso, Daniel (li sadattant niezel isfel ma' huh) prova jikkalma lil huh fil-waqt li hu (Generoso) baqa' fuq; f'hin minnhom sema' lil Daniel jwerzaq li Jacob kien tah daqqa ta' sikkina u Daniel tela' jigri fuq fejn baqghu sa kemm gew il-pulizija. Generoso jghid ukoll li Jacob tela jigri wara huh pero huma ghalqu l-bieb tal-kamra fejn kienu ghalhekk Jacob rega' niezel isfel.

[1] Generoso Sammut, Mary Sammut, u Daniel Sammut in kwantu missier, omm u hu l-imputat rispettivament prevalixxew ruhhom mid-dritt lilhom mghoti, bhala rizultat tal-parentela taghhom ma' l-imputat, li ma jixhdux.

Illi kif diga ntqal l-imputat ma tax id-depozizzjoni tieghu pero huwa rilaxxja stqarrija. Fiha huwa spjega li meta missieru kecca lil Angela mid-dar inqala' argument u bdew jiggieldu b'l-idejn; f'xi hin l-imputat hass li ma setghax jipprotegi lilu nnifsu ghalhekk qabad is-sikkina. L-imputat jispjega ukoll li l-glieda bejnu u bejn missieru bdiet fuq u kompliet isfel u kien f'dak l-istadju li intervjena huh biex jipprova jferraqhom; f'dan l-intervent tieghu Daniel intlaqghat bis-sikkina. L-imputat jammetti li kien irrabbjat hafna.

Illi taw id-depozizzjoni taghhom ukoll il-pulizija kollha involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz u anke l-esperti nominati. Ghandu jigi rilevat li l-verzjonijiet li naghtaw lill-pulizija dak il-hin kollha kienu fi-sens li l-glieda kienet bejn l-imputat u missieru u Daniel intlaqat meta intervjena biex iferraq.

Illi ghalkemm hemm xi kunflitti fil-verzjonijiet mghotija lill-Qorti, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kien l-imputat li laqghat lil huh Daniel bis-sikkina, u li Daniel intlaqat waqt glieda li bdiet bejn l-imputat u missieru. Mhux car mill-provi processwali minn mill-imputat u missieru ta l-ewwel daqqa jew jekk qabdux jaghtu t-tnejn f'l-istess hin. Min-naha l-ohra huwa car u jirrizulta li s-sitwazzjoni kienet bdiet tikkalma meta wara l-ewwel taqbida l-imputat niezel isfel. Lanqas m'hu car minn, fit-tieni stadju, ta l-ewwel daqqa u kif gie li l-imputat, missieru u huh regghu gew f'l-idejn pero jirrizulta ampjament (anke ex admissis minn dak li jghid f'l-istqarrija) li l-imputat kien ghadu rrabjat hafna; jirrizulta ukoll li bhala rizultat ta' din ir-rabja beda jfajjar u jkisser hafna affarijiet u kien dan l-agir li donnu rega instiga l-glied. Ghandu jigi rilevat ukoll li jidher li hemm qbiel li l-involviment ta' Daniel kien biss li jferraq jew li jikkalma s-sitazzjoni ghalkemm permezz ta' dawn l-interventi tieghu spicca hu ukoll involut fit-taqbied bejn missieru u huh.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi akkuzat li, b'strument li jaqta' u jniggez, ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Daniel Sammut. Fit-termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avuket Generali l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii), 216(1)(b), 216(2), 217, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif jirrizulta mir-riassunt tax-xhieda fil-parti precedenti ta' din is-sentenza, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-kors tal-glied bejn Generoso Sammut u l-imputat dan ta' l-ahhar qabad sikkina u b'din is-sikkina laqat lil huh Daniel. Ma jirrizultax li hajjet l-imputat kienet f'xi perikolu tali, bhala rizultat tad-disgwid bejnu u missieru, li kellu ghalfejn jirrikorri ghas-sikkina biex jiddefendi lilu nnifsu; anzi jidher li t-tieni stadju ta'l-incident[2] kien istigat pjuttost mill-imputat stante li baqa' jaghti sfog lir-rabbja li kellu minhabba dak li gara bejnu u missieru ftit qabel.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jizamm responsabbli ghall-griehi li soffra huh Daniel.

Illi dwar in-natura tal-griehi li soffra Daniel Sammut u taht liema mis-subartikoli tal-artikolu 216 kwotati mill-Avukat Generali ghandu jinstab hati l-imputat ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti (u anke minn dak li setghet tara l-Qorti stess) Daniel Sammut ghandu sfregju f'idejh pero ma jirrizultax li ghandu xi debulizza permanenti fil-funzjoni ta' idejh.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta in kwantu l-imputat, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkawza griehi ta' natura gravi fit-termini tas-subartikolu (1)(b) pero mhux (1)(a) ta'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9.

[2] U kien f'dan it-tieni stadju li l-imputat qabad sikkina u Daniel safa' milqut biha.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta[3]. Dan jipprovdi li *kull min … fil-waqt li jkun qed jaghmel reat kontra … l-persuna … ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, ikun hati ta' reat … … kemm-il darba ma jgibx prova xort'ohra li kien qed igorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop legittimu.*

Illi ghal dak li jirrigwarda x'jikkostitwixxi arma regolari l-Kapitolu 480, fid-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 2, jirreferi ghat-tifsiera mghotija f'l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi hekk:

> *Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.*
>
> *L-armi, strumenti u ghodod ohra kollha ma jitqisux bhala armi, hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza, u f'dan il-kaz jissejhu armi irregulari.*

Illi ghalhekk huwa car li r-referenza f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 ghall-*armi regolari* ghandha necessarjament tiftiehem bhala referenza ghal dawk *l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.* Konsegwentement biex jissussieti r-reat kontemplat f'dan l-artikol 55 tal-

---

[3] Ghalkemm fit-tieni imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni hemm kwotat l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 huwa car mill-kliem uzat li l-imputat kien qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480; tant hu hekk li anke l-Avukat Generali, fin-ni-nota ta' rinviju ghal gudizzju kwota l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480.

Kapitolu 480 il-persuna koncernata ghandu jkollha fil-pussess taghha arma regolari kif hawn defnita u mhux arma irregolari.

Illi mill-provi jirrizulta li fil-mument li l-imputat ikkometta l-offiza fuq il-persuna ta' Daniel Sammut huwa kellu fil-pussess tieghu sikkina tal-kcina li ai fini tad-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 ghandha titiqies bhala arma irregolari; konsegwentement ma jistghax jinghad li giet pruvata t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni l-imputat gie addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta[4].

Illi pero fin-nota tieghu ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali naqas li jikkwota dan l-artikolu[5]. Huwa ben stabbilit li l-Qorti tista' tippronunzja ruhha biss fuq dawk ir-reati li l-Avukat Generali jibghat lill-imputat biex jigi gudikat dwarhom u li jirrizultaw mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi li jaghmel referenza ghalihom fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tierghu. La darba l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu li fiha hemm predispost r-reat imsemmi fit-tielet impuitazzjoni l-Qorti bil-fors ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunisdrat

---

[4] Anke hawn ic-citazzjoni erronjament tindika l-artikolu relevanti bhala 13(1) tal-Kapitolu 480; id-dicitura uzata tindika kjarament li r-referenza hija ghall-artikolu 6.

[5] Jew l-artikolu 13(1) imsemmi fic-citazzjoni.

Illi permezz tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe dak li jipprovdi dwar imgieba li tikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza.

Illi din ir-raba imputazzjoni taqra hekk f'l-ewwel parti taghha: *nakkuzah ukoll talli f'l-istess jum lok u cirkostanzi b'l-imgieba tieghu......* Ghalhekk huwa car li din l-imputazzjoni qed tigi limitata ghal dak li sehh *fit-13 ta' April 2013 ghal habta ta' 06.00hrs fil-fond....*

Illi huwa principju ben stabbilit li biex jissussisti r-reat issa in ezami jehtieg li jigi pruvat 'l hekk imsejjah *course of conduct* u huwa mehtieg li jigi pruvat li persuna permezz ta'l-agir taghha fuq medda ta' zmien[6] u permezz ta' episodji differenti ikkawzat biza' f'hadd iehor li ser tintuza vjolenza kontra dik il-persuna.

Illi pero fil-kaz in ezami mhux biss gie pruvat episodju wiehed imma anke l-imputazzjonijiet huma bazati fuq dan l-episodju wiehed. F'dawn ic-cirkostanzi zgur ma jistax jinghad li din ir-raba imputazzjoni tista' tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju n-natura gravi tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat huwa l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Pero hemm fatturi ohra li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni, bhall-fedina netta ta'l-imputat u l-eta tieghu; huwa kellu biss dsatax il-sena meta gie kommess dan ir-reat. Il-Qorti necessarjament ghandha tiehu in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li fihom sehh l-incident u d-dinamika tal-familja Sammut. Fattur iehor li l-Qorti hija tal-

[6] Kemm ghandu jkun twil dan iz-zmien jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

fehma li ghandu jinghata certa importanza huwa l-fatt li jidher li r-relazzjonijiet bejn l-membri tal-familja Sammut gew b'xi mod jew iehor ristabbiliti.

Illi dwar l-applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 zgur hemm spejjez peritali li l-imputat ghandu jigi ordnat jirrifondi pero fil-fehma tal-Qorti hemm esperti li gew rikjesti mill-Avukat Generali inutilment ghalhekk l-imputat m'ghandux jigi ordnat jirrifondi l-ispejjez relattivi[7].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 217 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tordna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €5175.94 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Il-Qorti hawn qed tirreferi ghan-nomina ta'l-epsert Joseph Mallia.